59



# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

VOL III – SENA XII – NRU. 59

**SETTEMBRU-OTTUBRU, 1991**



Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.



*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telephone: 556187.



**Abbonament għal sena:**
Lokali: Lm1
Sostenitur: Offerta Libera.

Barra minn Malta: Lm1.50ċ
Sostenitur: Offerta Libera.



* Il-Kelma tar-Rettur 601
* Fl-Iskola tal-Verġni Mqaddsa 602
* Hawn hi l-Qaddejja tal-Mulej – 5 606
* Mary the Mother of the Family 607
* Tfal Tħobbuha lill-Madonna? 610
* Ma' Marija fiż-Żgħożija 611
* Talbiet lill-Madonna 612
* Ngħidu Flimkien ir-Rużarju 614
* Il-Madonna fil-Liturġija tal-Punent 616
* Moving Home 620
* Tama u Faraġ 621
* Mill-Ħajja tas-Santwarju 622
* Grazzi Madonna Għax Smajtni 625


## INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA

Biex fuq l-eżempju ta' Marija, naħsbu fuq il-Misteru tal-Fidwa tagħna waqt li nirreċitaw ir-Rużarju Mqaddes, it-talba tant rakkomandata minnHa stess u mill-Papiet.

## STAMPA TAL-QOXRA:

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmni Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.


"Gozo Press". Tel. 551534.




# IL-KELMA TAR-RETTUR

*Sentenza li spiss nisimgħu f'dawn il-ġranet hija: "il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu". Ġesù ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejqa u mitluqa bħal ngħaġ bla ragħaj.*

*Din hija għajta li Sidna Ġesù lissen quddiem id-dixxipli tiegħu 2,000 sena ilu, imma hi għajta dejjem ġdida għal dawk li jridu verament jimxu wara Ġesù, għal dawk li jridu jiġru ħa jsibu n-nagħġa l-mitlufa. Hija għajta tidwi aktar bil-qawwi fi żminijietna għaliex l-erwieħ imbegħdin minn Alla huma aktar numerużi u dak li jbegħedhom minnU huwa aktar qrib tagħhom. A parti minn l-għadd kbir ta' bnedmin li qatt ma semgħu b'Ġesù jew semgħu bih u ma aċċettawhx, jinsabu tant bnedmin oħra morda bil-mard tal-ġisem li jmarrad ukoll lir-ruħ. U dawn ilkoll jeħtieġu l-ħaddiema li Ġesù ried jibgħat fosthom. Hawn tant bnedmin maħkuma mill-marda tal-għana, li għalihom il-flus huma kollox; mill-marda tal-għerf, nies li jpoġġu l-fiduċja u l-fini tagħhom fid-daqsxejn ta' intellett li l-Mulej innifsu jkun għoġbu jżejjinhom bih; hawn id-drogati li n-numru tagħhom dejjem jikber, li jagħmlu l-ħajja tagħhom tiddependi minn siringa li bil-mod il-mod twassalhom għall-mewt; hawn tant miżżewġin li jfittxu l-hena tagħhom mhux fi djarhom imma f'dar ħaddieħor; hawn tant u tant mard ieħor li qed iwassal lill-bniedem għall-mewt mhux biss tal-ġisem imma wkoll tar-ruħ. Dawn huma kollha erwieħ li jeħtieġu lil xi samaritan li jieqaf ħdejhom, idewwilhom il-ġrieħi tagħhom u jfejjaqhom.*

*Ġesù, li kien igħaddi mit-toroq ifejjaq kull xorta ta' mard, ried li d-dixxipli tiegħu jitolbu lill-Mulej jibgħat ħafna ħaddiema, għaliex tħassar lill-poplu mitluf. Din ukoll hija x-xewqa tal-Papa u ta' l-Isqfijiet, ix-xewqa tas-saċerdot u tan-nisrani li jrid ikun xhieda ta' mħabba.*

*Imma l-ħaddiem ma jridx ikun ħaddiem ta' ħafna pożi u wegħdi, imbagħad fatti ftit jew xejn. Il-ħaddiem ma jridx ikun bħal dak li jwiegħed lis-Sid ħafna xogħol, imbagħad xħin jibagħtu għall-ħsad jiġi b'ħafna skużi, għax illum is-sħana, għax illum il-maltemp u itajjar l-għamar, għax l-għalqa fiha l-ġebel, għax il-wiċċ ħafif, ix-xogħol ma jidhirx, għax il-minġel lemin u jien xellugi!!!*

***Il-ħaddiem irid ikun dispost li jagħmel dak li jitlob minnu Sidu, anke b'sagrifiċċju. Hekk għallmitna Ommna Marija u hekk jeħtieġ li jkun min irid verament jaqdi 'l Alla. Malli Marija aċċettat li tagħti ruħha lill-Mulej, "Hawn hi l-qaddejja", mill-ewwel meddet għonqha għal dak li kellu jiġi u dan baqgħet tagħmlu anke f'mumenti l-aktar ħorox tal-ħajja tagħha. U wara li Ġesù qallha: "Hawn huwa ibnek", hija bdiet tħoss bħala wliedha lil dawk kollha li jmorru għandha għajjenin u batuti, u dan għadha tagħmlu sal-lum, speċjalment ma' dawk li jmorru fis-Santwarju tagħha, li tilqagħhom u tikkonslahom. Iżda barra dawn hemm folol oħra li tħobbhom bħalma ħabbet lil Ġesù, imma ma tistax tilħaqhom. U għalhekk bħal Ġesù tgħajjat: "Meħtieġa r-ragħajja", filwaqt li tistedinna biex nitolbu. Jiena ċert li Hija dejjem minn ta' quddiem li titlob lill-Mulej jibgħat ħaddiema tajbin fil-għalqa tiegħu. U Hija ħaġa li tferraħna li nkunu nafu li kull SEJĦA għal din il-ħidma hija frott tat-talb ta' Ġesù u ta' Marija lill-Missier Alla.***

***Ningħaqdu mmela ma' Ġesù u Marija fit-talb tagħna u jekk inħossu li l-Mulej ikun isejjaħ lilna, inkunu pronti u bis-serjetà, li ngħidu "Ikun dak li trid Int".***

# Fl-Iskola tal-Verġni Mqaddsa

(Meditazzjonijiet dwar il-Kobor u l-Qdusija tal-Madonna)

Mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi

## XIII. Umli u għolja wisq iktar minn kull ħlieqa.

(1) Fost il-virtujiet li għallimna Kristu fil-Vanġelu Mqaddes, għandha post importanti ħafna l-virtù ta' l-umiltà. Kristu nnifsu qalilna: "**Tgħallmu minni,** għax jiena ta' qalb ħelwa u umli". (Mt 11. 29). Kemm fil-għar ta' Betlem, kif ukoll fuq il-Kalvarju u fl-Ewkaristija, Kristu jagħtina lezzjoni ta' umiltà l-iktar profonda. Kellu raġun San Pawl igħidilna għal Kristu: "**Xejjen lilu nnifsu, billi ħa n-natura ta' lsir; jixbah lill-bnedmin u deher minn barra bħala bniedem**". (Fil. 2. 7).

Alla li kien minn dejjem deher fostna għall-ewwel darba bħala tarbija żgħira, li teħtieġ l-għajnuna ta' l-oħrajn u nieqsa minn kollox. Dak li kien l-istess qdusija ried jieħu l-mewt tas-salib, li kienet iġġib magħha l-akbar għajb. U biex jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żminijiet, ried jinħeba wkoll taħt ix-xbihat Ewkaristiċi. Ġesù ried ukoll li dawk kollha li huma dixxipli fl-iskola tiegħu, jitgħallmu minnu fuq kollox li jkunu umli.

(2) Fl-umiltà evanġelika, laħqet il-perfezzjoni, il-Verġni Mbierka u din il-virtù tagħha, tidher b'mod ċar fiż-żjara li għamlet lil qaribtha Eliżabetta. Marija tiddeċiedi li tmur iżżurha biex tkun tista' taqdiha, Omm Alla li taqdi lill-Omm tal-qaddej t'Alla, Ġwanni l-Battista. Marija kellha l-istess sentimenti li kellu Binha Ġesù, li qal għalih innifsu: "**Bin il-Bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi**". (Mt 20, 28).

Kienet Marija li sellmet l-ewwel. Meta tisma' l-kelmiet li bihom faħħritha Eliżabetta, "**Omm il-Mulej**", "**Imbierka fost in-nisa**", "**Inti hienja**", Marija ma tintelhiex biha nfisha, ma titkabbarx, imma fl-istess ħin l-anqas tiċħad id-doni li bihom kienet imżejna. Marija kif jagħmlu dawk li huma tabilħaqq umli, waqt li tagħraf iċ-ċokon tagħha, tistqarr li qdusitha kollha ġejja minn Alla u għalhekk Lilu tfaħħar u trodd ħajr, għall-grazzji kbar li rċeviet minn għandu. "**Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar**", "**Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu**". (Lq 1, 48-49).

(3) L-umiltà hija l-pedament tal-qdusija awtentika. L-umiltà tgħasses u tħares il-virtujiet l-oħra, għaliex min ikun umli, ma jafdax fih innifsu u joqgħod dejjem għajnejh miftuħa biex ma jitlifx dak li għandu, kif iwissina San Pawl: "**Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax**". (I Kor 10, 12). Barra minn hekk, Alla l-grazzji tiegħu ma jagħtihomx lis-suppervi, iżda lill-umli, kif igħallimna l-Appostlu Ġakbu: "**Alla jieqaf lill-kburi, u jagħti l-grazzja lill-umli**". (Ġak. 4, 6).

Biex inkunu umli, ma hemmx għalfejn nitbaxxew u ninżlu mill-għoli, kif għamel Kristu; biżżejjed nagħrfu sewwa lilna nfusna bin-nuqqasijiet u d-dgħjufija tagħna. L-umiltà għalhekk ma hix ħaġa oħra ħlief il-verità

dwarna nfusna: fina jeżistu flimkien it-tajjeb u l-ħażin. Dak kollu li hemm tajjeb fina ġej minn Alla, iżda dnubietna u n-nuqqasijiet tagħna huma frott tar-rieda dgħajfa tagħna, bil-ġibdiet ħżiena tagħha.

Bl-umiltà kollha nagħrfu u nistqarru ħtijietna u nitgħallmu nrażżnu lilna nfusna.

**Talba ta' l-aħħar:** Għallimna Marija ċ-ċokon tagħna, biex fuq l-eżempju tiegħek ngħixu dejjem fl-umiltà u nogħġbu lil Alla.



## XIV. Ix-Xebba li obdiet dejjem

(1) Kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II, l-ubbidjenza hija dik il-virtù li biha l-insara "joffru lil Alla, l-għotja sħiħa tar-rieda tagħhom, bħala sagrifiċċju tagħhom infushom li bih b'mod aktar dejjiemi u żgur, jingħaqdu mar-rieda ta' Alla li jsalva l-bnedmin". (Digr. Perfectae Charitatis n. 14).

L-ubbidjenza nisranija, ma tfissirx biss li aħna noqogħdu għal-liġijiet u li nwettqu dak li jordnalna min għandu xi setgħa fuqna, imma tfisser ukoll li aħna nilmħu r-rieda t'Alla fl-ordnijiet li jiġu mogħtija lilna. Il-vera ubbidjenza hija att ta' sottomissjoni lejn l-awtorità t'Alla u ta' mħabba Lejh, cioè nobdu l-liġi jew lis-superjur tagħna, biex inwettqu dak li jrid Alla, u dan nagħmluh għaliex inħobbu u nirrispettaw lil Alla.

Kristu f'ħajtu wriena mhux biss kif nobdu iżda wkoll naċċettaw dejjem bla tlaqliq ir-rieda tal-Missier tiegħu tassema. **"L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħtni u li nwassal fittmiem l-opra tiegħu"** (Ġw. 4. 34).

Kristu, igħallimna San Pawl: "**ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib**". (Fil. 2. 8). B"hekk hu ħallielna eżempju biex nimxu fuq il-passi tiegħu. (1 Pt 2. 21).

(2) U l-ewwel waħda li mxiet fuq il-passi ta' Kristu, anki f'din it-triq ta' l-ubbidjenza kienet l-Imqaddsa Omm tiegħu, Marija Santissima. "Hija mudell għall-insara għaliex fil-ħajja tagħha dejjem laqgħet għal kollox u b'mod responsabbli r-rieda t'Alla (Lq 1, 38) għaliex semgħet il-kelma u għexitha; għaliex ħajjitha kienet mimlija bl-imħabba u bl-ispirtu ta' servizz, għaliex kienet l-ewwel u l-aktar dixxiplu perfett ta' Kristu". (Marialis Cultus n. 35).

L-Evanġelju jagħti wkoll xhieda li Marija kienet ubbidjenti u eżatta fit-twettiq tal-Liġi ta' Mosè, skond it-tradizzjoni tal-poplu ta' Israel. Għalhekk marret fit-tempju biex toffri lil Binha, kif kien hemm ordnat fil-ktieb ta' l-Eżodu: "Intl twarrab għall-Mulej, kull ma jitwieled l-ewwel minn mara". (Eż. 13, 11-16), u biex tagħti għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni "żewġ gamimiet jew żewġ bċieċen". (Lev. 12. 8).

(3) L-ubbidjenza hija virtù diffiċli u ma hija xejn popolari fiż-żminijiet moderni. Iżda jekk obda Kristu, jekk obdiet l-Imqaddsa Omm tiegħu, in-nisrani ma għandu ebda raġuni li jagħmel bħal Luċifru, jirreżisti għar-rieda t'Alla u jgħid "Ma nobdix".

Huma obbligati għall-ubbidjenza mhux biss it-tfal rigward il-ġenituri tagħhom, iżda l-insara kollha kemm bħala membri tal-Knisja kemm ukoll bħala membri tas-soċjetà.

Il-Kattoliċi għandhom id-dmir li jobdu lir-rgħajja spiritwali tagħhom u jikkoperaw magħhom. Iċ-ċittadini għandhom l-obbligu li josservaw il-liġijiet ġusti ta' pajjiżhom u joqogħdu għat-tmexxija ta' dawk li għandhom is-setgħa fuqhom, għaliex kif igħallimna San Pawl: "**Kull bniedem għandu jobdi lill-awtorità ta' fuqu. Ma hemmx awtorità jekk mhix ġejja minn Alla; u l-awtoritajiet li hemm, qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla**". (Rum. 13. 1).

**Talba ta' l-aħħar:** Marija Omm tagħna, mexxina int fit-triq iebsa ta' l-ubbidjenza għax b'hekk inkunu żguri li qed nagħmlu r-rieda t'Alla, u din hija l-unika triq li twassalna għandu.

## XV. Mara ta' sabar bla qies

(1) Fil-kitbiet ta' l-Appostli jingħata tifħir lill-paċenzja jew sabar u l-insara huma mħeġġin li jitħarrġu f'din il-virtù. Hekk l-Appostlu Missierna San Pawl: "**Aħna stess niftaħru bikom għas-sabar u għall-fidi tagħkom fil-persekuzzjonijiet u t-tbatijiet kollha li għaddejjin minnhom**".
(2 Tess. 1. 4).

Hekk ukoll San Pietru: "**Jekk tagħmlu t-tajjeb u ssofru t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja quddiem Alla**". (1 Pt. 2. 20). San Ġwann lill-Anġlu tal-Knisja ta' Efesu jiktiblu: "**Naf li stabart u ġarrabt ħafna minħabba f'ismi u għadek ma għejjejtx**". (Apok. 2, 3).

Is-sabar mela, huwa l-perseveranza fit-tbatijiet, fix-xogħol u fil-provi kollha tal-ħajja. In-nisrani li għandu l-virtù tas-sabar, mhux bniedem li ma jħoss xejn jew li jintelaq mal-kurrent, iżda huwa bniedem li jikkumbatti biex ikollu s-saħħa u s-sliem, mingħajr ma jaqta' qalbu, iżda ma jafdax fil-ħila tiegħu. Il-fiduċja ta' l-insara matul iż-żmien tal-prova hija biss f'Alla, "**li minnu ġej kull sabar u faraġ**" (Rom 15, 5), biex jitwettqu bil-qawwa tiegħu u fuq l-eżempju ta' l-Imgħallem Divin, "**ikunu jifilħu jġarrbu kollox bis-sabar**". (Kol 1, 11).

(2) Il-ħajja ta' kull bniedem fiha esperjenza tat-tbatija u din l-esperjenza għaddiet minnha Marija li kienet Omm l-Imsallab, Dak li kellu jmut minħabba d-dnubiet tal-bnedmin. F'għaqda intima ma' Alla, Marija ġarrbet kollox bl-ikbar sabar.

Xmuni l-Profeta ħabbrilha li sejf kellu jinfed il-qalb tagħha. Hija ħasset din it-tingiża tas-sejf fil-ġrajjiet dolorużi ta' ħajjitha bħal meta kellha taħrab lejn l-Eġittu u meta tilfet lil Ġesù tfajjel fit-tempju. Iżda s-sejf taddulur, nifed qalbha min-naħa għall-oħra, meta kienet tassisti għax-xena tal-mewt u d-difna ta' Binha.

Marija, kif igħidilna l-Konċilju, "żammet bil-fedeltà l-għaqda tagħha ma' Binha sas-salib fejn, mhux mingħajr pjan ta' Alla, hi baqgħet wieqfa (Ġw 19.25) qasmet b'qawwa ma' Binha t-tbatijiet tiegħu u ngħaqdet b'qalb ta' Omm mas-sagrifiċċju tiegħu". (Lumen Gentium, n. 58).

(3) Is-sabar jew l-aċċettazzjoni tat-tbatija hija waħda mill-hekk imsejħa virtujiet passivi, li fuqhom hemm tant insistenza fil-Vanġelu Mqaddes. Kristu jagħmel sejħa għal din il-virtù meta jgħidilna li min irid ikun dixxiplu tiegħu għandu jerfa' ta' kuljum is-salib tiegħu u jimxi warajh.

Jekk Kristu bata, id-dixxiplu tiegħu jkollu jbati wkoll u kif Kris-tu ġarrab kollox bl-akbar sabar għall-im-ħabba tagħna, hekk in-nisrani għandu jaċċetta t-tbatija għall-imħabba t'Alla u tal-proxxmu.

Aħna nonqsu ħafna drabi minn din il-virtù għaliex fil-mumenti ta' prova nilmentaw u ngorru mis-salib tagħna. Iżda niftakru li m'aħniex weħidna li telgħin it-triq tas-salib, hemm magħna wkoll Kristu u l-Imqaddsa Omm tiegħu; din għandha tkun l-aqwa ispirazzjoni għalina.

**Talba ta' l-aħħar:** leqaf magħna, Marija Omm ħelwa tagħna, fil-mumenti tat-tiġrib u tat-tbatija, biex nagħrfu nqaddsu tbatijietna billi nieħdu kollox bis-sabar u nidħlu f'għaqda mas-sagrifiċċju ta' Kristu.

---

# TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Biblijoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, lilna jistgħu jiswewlna ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

**Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Biblijoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".**

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.

## HAWN HI L-QADDEJJA TAL-MULEJ – 5

# ĦSIEBHA FIK, FIJA, FINA LKOLL

**MARIJA:** Ara, kif int, Ibni? Nistħajlek xi ftit għajjien wara l-ewwel ħarġa tiegħek fit-tul. Id-dar m'hemm ħadd......

**ĠESÙ:** Qed nieħu pjaċir nerġa' narak. Illum m'iniex waħdi.

**MARIJA:** Min huma dawk li hemm miegħek, Ġesù?

**ĠESÙ:** Huma l-ewwel ħbieb li sibt biex jiġu warajja. Xmun, Indrì, Filippu, Ġwanni, Ġakbu, Natanael,......

**MARIJA:** Kif sibthom hekk malajr:

**ĠESÙ:** Min ħalla lill-Għammiedi u ġie miegħi, min iltqajt miegħu f'xatt il-baħar u min stieden wieħed lill-ieħor.

**MARIJA:** Imbierka l-missjoni li ġiet afdata f'idejk! Jiena kont sejra għat-tieġ għax stednuna: lilek u lili. Intom għal hemm ukoll?

**ĠESÙ:** Smajt bih diġà u ltqajt ma' ħafna nies sejrin. Kemm se jifirħu maż-żewġ għarajjes ġodda!

**MARIJA:** Jalla dil-ġurnata jibqgħu jgħożżuha tul ħajjithom kollha! Qed nara li għandhom ħafna mistednin.

**ĠESÙ:** Nifirħulhom aħna wkoll u nixtequlhom......

**MARIJA:** Ġesù, qed igħidu li naqashom l-inbid. Aħna għadna kemm naslu.

**ĠESÙ:** X'hemm bejni u bejnek, mara? Għadha ma waslitx is-siegħa tiegħi.

**MARIJA:** Ara, ġejjin xi qaddejja......Isimgħu, dak li jgħidilkom, agħmluh.

**ĠESÙ:** X'għandhom, fiex nista' ngħinhom?

**MARIJA:** Għandhom xi ġarar lesti għall-ħasil ritwali......

**ĠESÙ:** Imlew il-ġarar bl-ilma......Ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda.

**MARIJA:** (wara li bdew iservu). Qed jindunaw li ġraw ħwejjeġ mhux tas-soltu, Ġesù. Din tal-lum xi ħaġa ġdida......

**ĠESÙ:** Veru, intebħu mhux biss il-ħbieb li ġew miegħi u li qed jaraw dan l-ewwel sinjal, imma wkoll dawk responsabbli mill-festa.

**MARIJA:** K'ikolli ngħid hija sorpriża kbira għall-familja l-ġdida. Nistħajjilhom sodisfatti almenu għalissa, għax il-ħajja......

**ĠESÙ:** ......iġġib magħha t-taħbit u t-toqol. Jiġu għandi u jiena nserraħhom.

**MARIJA:** Din ta' Kana llum ma ninsiha qatt u l-ebda oħra bħalha matul il-medda tas-snin. Jiena wkoll għaddejt mill-ħajja tal-familja.

**DUN SALV GRIMA.**

*The Mother Who Cares*

# MARY THE MOTHER OF THE FAMILY

*Msgr. John Maloney, P.P.*

It was Mary's honour to give a home to God-made-man; it was her joy to give Him a welcome. With the gift of total sinlessness the Father had prepared her well. He had adorned her with the fullness of all the virtues, which like the furnishings of a home, made her furnished and ready to be a worthy home for his Son.

Through her God entered a human family. The Son of God, coming forth from the family of the Holy Trinity, became one of a trinity of persons on earth with Mary and Joseph, sharing a communion of love which was the nearest reflection on earth to that community of love which is the life of the most Holy Trinity.

When He came into the world He received the welcome of the most pure love and adoration of Mary and Joseph. The few details we have of the joy of those first moments are enough to fill in the picture of Mary in the two-fold exercise of her motherhood: at once bowing down before Him in profound adoration, singing her Magnificat in her heart for the great things the Lord had now done in her; and, at the same time, setting herself to the task of practical motherhood, providing for the immediate needs of her new-born child. He needed clothes; He needed a bed. So she 'wrapped him in swaddling clothes, and laid him in a manger'. (Lk. 2, 7) No word of complaint from her about the uncongenial conditions of his first home, but rather the silent worship of a most serene joy. She saw the cold and poverty and darkness of the stable, not as privations, but as symbols of the riches and light which her Son was bringing in the world.

The history of that family embraced the experience and life-style of every family throughout the ages. There was the perfect circle of hearts, pulsating with a most ardent love; there was a peace undisturbed by the crises and partings of life. In their going out into the night they lived the fears and uncertainties of every young couple who would suffer the hazards of a dark night at the very start of their marriage. In their journey into exile they took their place in the endless line of the world's refugees.

As she placed the name of God on her Child's lips Mary shared the wonderment of all mothers as they open their children's hearts to the awareness of God. Mary reacted as all mothers do to loss.

As she had gone with haste to meet the need of her cousin, so she hastened through the streets of Jerusalem, enduring the pain of loss of every mother who would lose her child.

### Cana

Those who invited Mary and her Son to a wedding were richly rewarded. At Cana she was the mother exercising her sympathetic, attentive care for even the smaller needs of a wedding celebration. It is significant that the first prayer of petition which the Gospel records from the lips of Mary was on behalf of a young couple at the celebration of their marriage. "They have no wine". (Jn. 2, 3)

Cana was a moment of transition in Mary's life. The Mother became the Woman who, when her Son's hour had come, became the Mother of the universal family. In becoming mother of the universal Church, she became, also, the mother of the domestic Church which is the christian family.

Having lived through motherhood in all the variations of joy and sorrow, she is fully equipped to bring the wisdom of her guidance, the support of her presence, to every family. She enriches the Christian family with the love of the Crucified and Risen Lord.

Thus does the family achieve the sacramental style of which Pope John Paul II so often speaks. As the Hearts of Jesus and Mary beat as one, so do two human hearts, united in the sacrament of marriage, become one in a sacramental love.

Within the setting of a family Mary, the holiest of all mothers, lived her life. Into her family history was woven a pattern of sacrifice, and she remains for all time the ideal teacher for families showing them how to share one another's burdens; she gave the Christian family the courage to plant the cross at the centre of their home.

Her mission is to bring the inexhaustible riches of her Son with special tenderness into moments of family straing or crisis; 



she makes the sunlight of his Risen life to bear on the illness of loved ones and on the partings of death.

### Youth and Age

She who gave the Prince of Peace to the world continues to obtain the peace of the Risen Christ for every home that opens its doors to Him. That grace gathers together young and old in a close, joyful harmony, making the home a reflection of Nazareth which was a circle of loving hearts. It is a precious family treasure, kept present through family prayer, that ensures the preservation of patience and understanding and appreciation between parents and children. Mary, the Virgin who listens, is the model of sympathetic listening by parents to youth, and by youth to parents.

We owe it to young people to preserve them from the voices that tell them that it is a sign fo maturing to be dissatisfied with and independent of home; that they should

express their wish for honesty by registering their displeasure with the alleged hypocrisy of adults. The commercial world unfairly exploits them with slogans about a generation gap which tend to create in them a feeling of being a class apart.

Youth deserves better than to be pushed into a mood of contention, which could dull the freshness of their capacity for generous loving, and limit the spontaneous joy in living which they have a right to enjoy. Mary gives an example of a gracious interplay between youth and age.

The young mother greeted and served her older cousin. Elizabeth sang the praises of Mary. When Mary brought her Child into the Temple, an old man and woman greeted and blessed them with joy.

These lovely encounters have about them the freshness of springtime, and they bring a message of springtime freshness to parents to rejoice in and be gracious to their children, and to youth to keep alive a sense of appreciation for and joy in their parents.

**The Siege**

In our time the family is under attack. It is like a citadel under siege, and because it is a sacred place the effort to defend it is a holy cause. The attack is from many directions.

Sometimes it is directed against the beauty and holiness of motherhood. The sacred vocation to motherhood, the partnership with God in his loving plan for parenthood, is seen too often as a burden. Married love is denied its fruitfulness.

The example of Mary, the Mother of beautiful love, needs to shine forth anew. The Mother who had the courage to accept the Divine Motherhood needs to be invoked to give christian couples a new vision, a new courage to accept God's plan with joy.

The words of Pope John Paul II are worth heeding. 'In these times of ours, in which the true beauty of conjugal love is threatened in so many ways – threatened together with the dignity of fatherhood and motherhood – have courage!

Have inflexible courage to look for it, to ber witness to it to each other. And to the world. Be apostles of the dignity of parenthood. He apostles of beautiful love. So I commend you to the Mother of God.'

Our world has seen a concerted attack on the unborn child. Amid the loud slogans crying for human rights and liberation of women, the plaintive cries of countless children, pleading for the right to be born, go unheeded.

The first effort to destroy the Christ Child brought about the massacre of the Innocents. How the Heart of Mary must have grieved; and how she must grieve today for the innocents of our world.

**Until the End**

In our time faithfulness and permanence in marriage are often under strain. Mary, the Virgin most faithful, spoke her 'Yes' to which she remained ever faithful. In every marriage the same 'Yes' is said; and as Mary, through the fullness of grace, remained faithful to that 'Yes' until the end, so, through the sacramental grace of marriage, every couple gets the strength to remain faithful through life into eternity.

When she received her mission at Calvary to be Mother of the Church universal and the Church domestic she was herself without a home. But not for long. For John 'took her to his home'. (Jn. 19, 27) Every family that makes a home for her is truly blessed.



# Tfal Tħobbuha lill-Madonna?

(ANTON FARRUGIA *jkellem lit-tfal devoti tal-Madonna*)

## 'TRACKING' SPIRITWALI

Mela, meta kont għadni żgħir, kont membru fil-grupp tal-'Boy Scouts' tal-Liċeo t'Għawdex u xi darbtejn fis-sena, l-Iscout Master kien jorganizzalna dak li konna nsejħulu 'TRACKING'. It-'tracking' kien jikkonsisti f'dan li ser ngħid:

Xi żewġ scouts kbar kienu jitilqu kmieni s-Sibt filgħodu mill-Headquarters tar-Rabat u jerħulha bil-mixi għal xi post imbiegħed tal-gżira t'Għawdex. Imbagħad, aħna l-iscouts l-oħra, konna nitilqu xi siegħa wara u nippruvaw insibu minn fejn ikunu għaddew l-ewwel tnejn biex fl-aħħar naslu fejn ikunu waslu huma.

Kienet ħaġa diffiċli, għax l-ewwelnett dawk iż-żewġ scouts ma kenux igħidulna fejn ikunu sejrin, hux lejn l-Imġarr, jew lejn l-Għarb...it-tieni nett, huma ma kenux igħaddu minn toroq prinċipali, imma minn ġo widien, fuq għoljiet, u jserrpu minn mogħdijiet prinċipali. Imma niftakar li aħna dejjem kien jirnexxilna nsibuhom għax kull ftit metri huma kienu jħallu xi sinjal minn fejn ikunu għaddew. Kien ikollhom basket mimli bil-fjuri jew suf tan-ngħaġ misbuħ bil-linka ħamra u minn ħin għal ieħor jerħu xi fjura jew biċċa suf, daqqa mwaħħla ma' xi ħajt, oħra mdendla ma' xi zokk ta' siġra. Trid tarana b'liema ħerqa konna nfittxu dawn it-'tracks' u kull min isib waħda jiġborha fil-'haversack' ħalli fl-aħħar naraw kull wieħed kemm ikun sab u kemm ikunu qabżulna! Issa jien għalfejn qed ngħidilkom din il-ġrajja? Qed ngħidhielkom, għax fil-ħajja spiritwali hemm bżonn ukoll nagħmlu ftit 'tracking' spiritwali.

Il-Madonna, Ommna, telqet qabilna lejn l-eternità. Waslet fis-sema fejn, bħala Omm Alla, tokkupa l-post ta' Sultana tas-Sema u l-art. Hija ħalliet bosta 'tracks' tul il-passaġġ kollu biex ma nitilfux it-triq u nimxu warajHa. Hija ħalliet bosta fjuri – 'roses', li jekk insibuhom u niġbruhom, żgur naslu fejn waslet Hi, fis-Sema.

Dawn ir-'roses' huma ż-żibeġ tal-kuruna tar-Ružarju. (Il-kelma 'rosario' tfisser ħannieqa ta' 'roses'). Pass wara pass, żibġa wara żibġa, avemarija wara avemarija, fjura wara l-oħra...u aħna nkunu mixjin mit-triq li tridna nimxu l-Madonna, sabiex fl-aħħar, wara vjaġġ kultant iebes f'dan il-wied tad-dmugħ, naslu fejn tridna Hi – ingawdu 'l Alla għal dejjem. Għalhekk għidtilkom li, bħal dawk l-iscouts ta' ħamsin sena ilu, hemm bżonn nagħmlu ftit 'tracking'. Imma t-'tracking' tagħna huwa 'tracking' spiritwali.



# Ma' Marija fiż-Żgħożija

*Mill-*

KAN. JOE MEJLAK

Samantha kienet mara twajba, armla bi tlitt itfal, kollha godlija u b'saħħithom, li kienu jaqilgħu l-ħobż ta' kuljum mill-baħar. Id-dar tagħhom kienet imperċa fuq sies f'waħda mill-gżejjer żgħar kważi diżabitati tal-Hawaii.

Jum wieħed, it-tfal ħarġu bħas-soltu għas-sajda. Iżda, għall-ħabta ta' nofs in-nhar, l-arja mtliet bi ċpar oħxon li kebbeb il-madwar fi sħaba bajdanija li ksiet il-baħar kollu.

L-omm kienet weħidha, tistenna u tittama li wliedha jfittxu jaslu. Iżda beda jidlam u dawn kienu għadhom ma tfaċċawx. F'daqqa waħda ġieha ħsieb f'moħħha, ħsieb ta' ġenn. Resqet lejn darha, neħħiet minnha l-ħwejjeġ l-aktar utli, u tatha n-nar. Din malajr ivvampjat u l-leħħa tagħha telgħet 'il fuq, 'il fuq. Uliedha, mitlufa f'nofs ta' baħar, raw id-dawl u qadfu kemm kellhom saħħa u ħila. U fl-aħħar, waslu mifluġa. Fuq ix-xtajta kien hemm ommhom tistenniehom.

"Ma, dak x'dawl rajna? Dak salvana!" qalulha.

"Dik kienet id-dar tagħna...tajtha n-nar!"

Uliedha tbellhu: "Tajtha n-nar! Issa x'ser nagħmlu bla dar?"

"Aħjar bikom madwari u bla dar, milli bid-dar u mingħajrkom!" weġbithom l-omm.

Kemm hija kbira l-imħabba ta' l-omm għal uliedha! Ħabib, int tapprezzaha xejn? Nittama li għal ommok għandek kull rispett u għożża. Fuq kollox, nittama li m'hemm xejn li qed iżommok 'il bogħod minnha, li ma tkellimhiex, jew li ġelldītek magħha.

Jekk inhu hekk, biddel l-atteġġjament tiegħek. Kun għaqli u rranġa s-sitwazzjoni issa. Għamlitlek x'għamlitlek, dik tibqa' ommok, u bħala ommok, int obbligat tħobbha u ġġibilha rispett.

U tinsiex. Fis-Sema għandek Omm oħra. Lil din ukoll trid tħobbha. Waqtiet nisimgħek issemmi l-isem tagħha għalxejn, jekk mhux ukoll tidgħi biha. Lil min iħobbok, qatt ma jgħaddilek minn rasek li tweġġgħu. U l-Madonna tħobbok. Mela ħobbha int ukoll.

Kun af li Hi trid twasslek biex tikseb il-ferħ veru li ma jintemm qatt!

# Talbiet lill-Madonna ta' Qaddisin u Nies Kbar Magħrufa

*Miġbura u miġjuba għall-Malti minn A.C.M.*

## Talba ta' Charles Peguy (Poeta Kbir Franċiż) (5)

Ftit qabel is-sena 1910, oħt Jaques Maritain staqsiet lil Charles Peguy: "Jekk wieħed minn uliedek ikollu marda gravi, int x'tagħmel?"

Charles Peguy wieġeb: "IMMUR NINVIŻTA LILL-MADONNA ĠEWWA S-SANTWARJU TAGĦHA TA' CHARTRES. IMMUR BIL-MIXI U NIRRIKMANDA LIL IBNI F'IDEJN IL-MADONNA".

Sentejn wara, iben Charles Peguy marad gravi. U żamm il-wegħda u mar bil-mixi pellegrinaġġ jinviżta lill-Madonna. Pellegrinaġġ ta' 140 km 'l hinn u 'l hawn.

F'din il-poeżija CHARLES PEGUY jesprimi l-fiduċja tiegħu kollha f'Marija.

---

"Hemm ġranet f'ħajjitna
li fihom ma huwiex biżżejjed li tirrikorri
għand il-qaddisin.
Imma trid tagħmel kuraġġ kbir
u tirrikorri direttament

GĦAND DIK LI HI FUQ KULĦADD.

Trid tazzarda, almenu darba...tirrikorri...

1) GĦAND DIK LI HI INFINITAMENT **SABIĦA**
GĦAX HI WKOLL INFINITAMENT **TWAJBA.**

2) GĦAND DIK LI **TAQBEŻ GĦALINA**
GĦAX HI BISS TISTA' TITKELLEM
BL-AWTORITÀ TA' OMM.

3) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT PURA**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT ĦELWA.**

4) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT NOBBLI**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT ĠENTILI**
U TILQGĦEK.

5) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT GĦANJA**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT FQAJRA.**

6) GĦAND DIK LI HI INFINITAMENT FIL-"GĦOLI".
GĦAX UMILJAT RUĦHA U TBAXXIET "SAL-QIEGĦ' NETT.

7) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT KBIRA.**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT ĊKEJKNA**
**INFINITAMENT UMLI.**

8) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT ŻAGĦŻUGĦA**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT OMM.**

9) GĦAND DIK LI HI **INFINITAMENT "MGĦOLLIJA 'L FUQ"**
GĦAX HI WKOLL **INFINITAMENT BAXXUTA 'L ISFEL U 'QADDEJJA".**

10) Għand DIK LI HI KOLLHA KEMM HI **KOBOR U FIDI**
GĦAX HI WKOLL KOLLHA **KEMM HI KARITÀ.**

GĦAND DIK LI HI KOLLHA **FIDI U KARITÀ**
GĦAX HI WKOLL KOLLHA **KEMM HI TAMA.**

B'xorti tajba, il-qaddisin ma jgħirux għal xulxin. Baqax x'taqla'. U b'xorti tajba wkoll il-qaddisin ma jgħirux għall-Madonna.

Huma jafu tajjeb kemm il-Madonna tgħaddihom fis-safa...fil-fidi....fil-karità....fit-tama....

*Mill-Ktieb ta' Rene Lauretin,*
*"Tutte le Genti mi Diranno Beata",*
*Ediz. Dehoniane Bologna, Paġ. 221-223.*

## IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Meta ngħidu r Rużarju, nuru li aħna nemmnu fil misterju ta' Kristu Mgħallem. Hi Marija li teħodna għand Ġesù.

*(Saċ. G. Alberione).*

Meta nimmeditaw il-misterji tar-Rużarju, nitgħallmu kif insiru erwieħ mimlija bil-paċi, fuq l-eżempju ta' Marija, u billi nkunu qrib Ġesù.

*(Pawlu VI).*

Ir-Rużarju hu t-taraġ li titilgħu bil-mod il-mod, biex tiltaqa' ma' Marija, jiġifieri ma' Ġesù.

(Pawlu VI).

# NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU

(*P. Bonaventura M. Camilleri O.F.M. Conv.*)

**NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU:**

Ngħiduh flimkien, ngħiduh fil-familja, ngħiduh fl-għaqdiet tagħna. Ir-Rużarju huwa l-kelma ta' Alla, huwa l-Vanġelu fil-qosor. Ir-Rużarju huwa talba li tintona sewwa maċ-ċirkostanzi kollha li fihom tista' ssib ruħha l-ħajja familjari u soċjali tagħna.

**NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU:**

Ngħiduh flimkien: kif il-membri tal-familja jieklu flimkien, flimkien ukoll għandhom jitolbu; kif flimkien jitimgħu lil ġisimhom, flimkien ukoll għandhom jitimgħu lil ruħhom; kif flimkien, permezz ta' l-ikel materjali, kuljum jiksbu l-qawwa meħtieġa għall-ħajja fiżika tagħhom, flimkien ukoll, permezz tar-Rużarju, għandhom ta' kuljum jiksbu l-qawwa meħtieġa għall-ħajja spiritwali tagħhom.

Niftakru l-kelmiet li qalilna Ġesù: **"Fejn ikun hemm tnejn jew tlieta miġmugħin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom"**. (Matt. 18, 20).

U allura, jekk f'nofsna jkun hemm Hu, Ġesù Kristu, min jista' għall-familja tagħna? Tkun il-familja tagħna mibnija fuqU, tkun allura mibnija fuq is-sod, fuq iż-żonqor; jistgħu jqumu għaliha l-irwiefen kollha ta' l-ajru, u l-ħalel kollha tal-baħar, għalxejn, hi u kull ma fiha jibqgħu sħaħ. Għaliex? Għax tkun mibnija **"fuq il-blat"**. (Matt. 7, 25; Lq. 6, 48).

**NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU:**

Ir-Rużarju huwa l-Bibbja tal-fidili, bħalma s-saċerdoti għandhom dejjem f'idejhom il-Brevjar, ġabra tal-Bibbja; hekk ukoll il-fidili għandu jkollhom dejjem f'idejhom il-Kuruna tar-Rużarju; ġabra tal-Vanġelu. Ta' min itenni hawn il-kelmiet ta' Ġesù lil Missieru: **"Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax ħbejt dawn il-ħwejjeġ lill-għorrief u lill-kburin, u kxifthom liż-żgħar"**. (Matt. 11, 25).

**NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU:**

Għaliex? Għax ir-Rużarju jogħġob wisq lill-Madonna, kif jidher mid-dehriet Tagħha ġewwa Lourdes u ġewwa Fatima. Ir-Rużarju huwa t-talba ta' Marija,

li biż-żmien sar ukoll it-talba tal-Knisja: hawn huwa s-sigriet tal-qawwa tar-Rużarju. Tifraħ immensament Marija meta tismagħna ngħidu r-Rużarju: it-talba Tagħha; Hija tilqagħha din it-talba Tagħha, u f'isimHa u f'isimha Hija toffriha 'l Alla u minn għandU tibgħatilna l-Ispirtu s-Santu: Spirtu ta' ħajja u ta' qawwa u ta' ferħ.

## NGĦIDU FLIMKIEN IR-RUŻARJU:

Għall-familja tagħna l-isbaħ waqt tal-ġurnata għandu jkun dak tar-reċita tar-Rużarju; hawn ir-Rużarju donnu jrid ifakkru 'l Alla u jgħidlu: "Hawn hi din il-familja: trid tkun il-qaddejja Tiegħek; jintagħmel magħha dak li trid Int; hija temmen fi tjubitek u dejjem tafda fil-Providenza Tiegħek.

Trid tirringrazzjak talli għamiltha Int familja; ħarisha u saħħaħha! Trid tqaddes dejjem l-Isem Adorabbli Tiegħek; trid tibni fiha u madwarha s-saltna qaddisa Tiegħek. Trid tħalli l-problemi kollha tagħha f'idejn Dik li f'idejHa Int ukoll irħejt lil Ibnek il-Għażiż, u li Ibnek ukoll reħa f'idejHa l-problemi kollha tal-Knisja Tiegħu': "**Mara, ara Ibnek**". (Ġov. 19:26).



**Michelangelo: Dettal tal-Ġudizzju Universali: Ruħ issalva permezz ta' Marija**

# Il-Madonna fil-Liturġija tal-Punent miż-Żmien tan-Nofs sa żmienna

*Mill-KAN. DUN NIKOL VELLA APAP*

## IŻ-ŻMIEN TAN-NOFS

Il-qima u devozzjoni fiż-żminijiet tan-nofs jagħmlu l-epoka tissejjaħ "Tad-Deheb". Min-naħa l-waħda nsibu Teoloġi kbar ta' żmien l-Iskolastika li bil-ħsieb tagħhom niżlu fil-fond u studjaw lill-Madonna fil-pjan divin tal-Fidwa u waslu biex jgħidulna li Lilha jixraq il-kult għoli iktar minn dak tal-qaddisin, u ta' l-anġli, kult li marru jsejħulu: "Iperdulia". S. Tumas igħid (2a-2ae, q. 103, a4) "Hyperdulia est potissima species duliae communiter sumpta, maxima enim reverentia debetur homini ex affinitate quam habet ad Deum".

S. Bonaventura kiteb (in III Sent. dist. 9a. l.q.3, in Opera Omina) "Ex hoc enim quod Mater Dei est, praelata ceteris creaturis, et eam prae ceteris decens est honorari et venerari. Hic autem honor consuevit a magistris hyperdulia vocari". Il-fundament teoloġiku għall-kult partikulari Marjan issa kien sab postu.

Min-naħa l-oħra s-sens nisrani tal-poplu beda jinġibed iktar lejn il-kobor ta' Omm Alla hekk li fiż-Żmien tan-Nofs kien hemm devozzjonijiet Marjani kbar li daħlu fil-fond tal-ħajja kollha reliġjuża, profana, ekkleżjastika u ċivili.

Sa mis-seklu IX il-knejjes meqjuma lill-Madonna bdew bla limiti jitkattru. Ta' min jinnota li ħafna Katidrali kellhom bħala titlu lil Marija Assunta. Anki l-knejjes li kellhom titli oħra kellhom wieħed jew iktar minn artal meqjum lill-Madonna. Il-qniepen ukoll ġew meqjuma lill-Isem ta' Marija. Bħala l-isem tal-magħmudija (minn meta bdiet din id-drawwa) l-isem Marija jgħaddi lil dawk ta' qaddisin popolari.

Lejn it-tmien taż-Żmien tan-Nofs ma' l-Ewropa kollha xterdet id-drawwa li jibnu kappelli Marjani, fl-ibliet u fil-kampanja. Twaqqfu Santwarji Marjani li saru ċentru ta' pellegrinaġġi, ordinarjament ta' karattru lokali u reġjonali. Ta' min isemmi fost dawn Puy-en-Valey fi Franza, Loretu (mis-seklu XV) fl-Italja.

Fl-aħħar kien kiber ħafna qabel l-invenzjoni ta' l-istampa, il-letteratura devota Marjana, il-predikazzjoni kienet wirja tal-kobor tal-Madonna. Oraturi magħrufa u missjunarji medjevali, S. Bernard, S. Bernardinu ta' Siena u ħafna oħrajn iddedikaw lill-Madonna żmien ta' predikazzjoni jew konferenzi.

Bdew ukoll jixterdu leġġendi devoti li juru tama f'Marija. Inħolqu wkoll artiġjanat, arti, u konfraternitajiet Marjani. Dawn ta' l-aħħar bdew jissollennizzaw il-festi tal-Madonna, iwaqqfu knejjes, oratorji, u artali. Fl-arti, imbagħad, tal-pittura u skultura, urew l-ispirazzjonijiet tagħhom dwar il-Madonna.

Ordnijiet Reliġjużi jigglorifikaw fl-imħabba Marjana, partikularment iċ-Ċisterċensi, il-Premostratensi u, fuq kollox, iż-

żewġ ordnijiet kbar mendinti, id-Dumnikani u l-Franġiskani. Dawn saru l-akbar propagandisti Marjani ta' dak iż-żmien fejn xerrdu ċerti devozzjonijiet partikulari (ir-Rużarju u l-Misteri tal-Madonna). L-Ordni tas-Servi ta' Marija twieled biex ixerred il-qima lejn id-Duluri tal-Madonna u l-Agostinjani xerrdu l-qima lejn iċ-Ċintura tal-Madonna u dik tal-Madonna tal-Bon Kunsill. Ordnijiet oħra Reliġjużi u Kavalleriski nxteħtu taħt il-ħarsien tal-Madonna.

Dan il-moviment Marjan kbir medjevali ta' natura l-iktar devozzjonali u provata



ħalla nfluss fuq il-liturġija. Sa mis-seklu IX beda jiġi mħares is-Sibt bħala jum meqjum lill-Madonna. Mis-seklu X u wara għandna l-ewwel tagħrif dwar "L-Officium Parvum" li kien jingħad nhar ta' Sibt fuq kollox minn lajċi devoti. Wara, Iċ-Ċisterċensi u l-Kamaldolesi daħħluh fir-reċita ta' l-Uffiċċju Divin u bħalhom għamlu xi kanonċi u komunitajiet ekkleżjastiċi.

San Pier Damiani sar propagatur ħerqan u Urbanu II daħħlu fil-kor wara l-Uffiċċju Divin fis-Sibtijiet kollha. L-Officium Parvum baqa' għaż-Żmien tan-Nofs il-forma l-iktar popolari anki għall-Konfraternitajiet biex iqimu lill-Madonna. Fis-seklu XII bdew jidhru l-ewwel forom ta' litaniji popolari tal-Madonna, waqt li dik imsejħa "Lauretana" xterdet f'Loretu fis-seklu XV u XVI.

Fost il-forom ta' devozzjoni Marjana jispikkaw fiż-żmien l-Ave Marija u s-Salve Regina. Ta' l-ewwel (il-kliem ta' l-Iskrittura biż-żieda "Jesus") li hija forma ta' talba wżata mis-seklu XII, u li magħha kienu jżidu invokazzjonijiet differenti fejn ħadu l-forma tal-lum sa mis-seklu XIII imma l-introduzzjoni uffiċjali fil-liturġija hija ta' San Piju V (1568). Il-Griegi u s-Serviti għadhom iżommu d-drawwa medjevali primittiva mingħajr "Sancta Maria..."

Il-lajċi biex jimitaw is-Salterju Davitiku jużaw 150 Ave f'kull reċita, anki numru inqas b'invokazzjonijiet differenti u żidiet. Minn hawn il-bidu tal-kuruni differenti tar-Rużarju li waslu lejn it-tmiem tal-Medju Evu b'forma attwali u baqgħu għeżież għall-poplu.

Forma oħra għażiża Marjana fil-Medju Evu kienet is-Salve Regina diġà magħrufa qabel S. Bernard; ħafna konfraternitajiet Medjevali twieldu taħt l-isem tas-"Salve". Id-Dumnikani kienu jkantawha solennement fl-aħħar tal-lawdi u tal-vespri. Ta' min ma jinsiex li ħafna innijiet, sekwenzi (famuża li "Stabat Mater") u uffiċċji ritmiċi ad unur lill-Madonna.

Mis-seklu XIII bdiet il-prattika msejħa llum "L-Angelus Domini". Għall-ewwel bdew idoqqu l-qniepen fil-għodu, wara fl-1456 Kallistu III għamel espressament li jdoqqu f'nofs in-nhar biex jitolbu kontra l-periklu tat-Torok. Din kellha skop li jiġi mfaħħar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, imma matul is-seklu XVI daħal id-daqq ta' filgħaxija ma' dak ta' filgħodu u ta' nofs in-nhar bħala devozzjoni Marjana.

Matul dan iż-żmien il-festi qodma Marjani iktar bdew isiru solenni spiss bil-vġili u l-ottava, taħt titli differenti, xhieda tat-tama u l-imħabba ta' l-insara lejn il-Madonna.

**MIŻ-ŻMIEN REĊENTI SA DAK TAL-LUM**

Dan iż-żmien juri l-apostasiji kbar tas-seklu XVI u mir-restawrazzjoni kattolika tas-seklu XVI u XVII, u mill-biża' u l-periklu tat-Torok (sekli XVI u XVII) u mir-rivoluzzjoni li sa mis-seklu XVIII qalbet popli u gvernijiet, imma moviment providenzjali Marjan kien qiegħed jitwieled. Dan kellu bħala bażi l-misteru ta' Kristu u tal-Knisja mnejn aktar bdiet ħierġa l-figura ta' l-Omm ta' Alla.

Hekk li nsibu Teoloġi kbar fosthom xi qaddisin "Marjani". Għandna l-eżempji ta' S. Robertu Bellarminu, S. Franġisk ta' Sales, S. Lwiġi M. Grignion de Montfort, S. Alfons M. de Liguori. Dawn hejjew l-art għall-aħħar definizzjonijiet Marjani ta' l-Immakulat Konċepiment u għall-Assunzjoni bir-ruħ u l-ġisem tal-Madonna (Piju IX, 1854, Piju XII, 1950). Din il-verità kienet biżżejjed magħrufa u pprofessata kif turi l-liturġija, l-arti, u l-qima popolari.

L-Immakulata dritt saret is-suġġett għażiż tal-qima nisranija, b'mod speċjali fit-tiġdid kattoliku u l-epoka barokka. Għandna xhieda xbihat ta' artisti kbar ta' l-Immakulata u f'ħafna artijiet momumenti (kolonni bl-istatwi) fil-pjazez imwaqqfa fiż-żmien tal-periklu Tork.

Imma fuq kollox insibu monument ħaj u kostruttiv li huwa l-Kongregazzjonijiet Marjani li twieldu f'Ruma fl-1563 u bnew u ġeddu l-apostolat Marjan fid-dinja kollha u l-iktar fost il-klassi soċjali. Hekk il-qima lejn l-Immakulata ffurmat ruħha f'dawn l-aħħar sekli, sezzjoni partikulari popolari ta' qima Marjana. Ħafna huma l-għaqdiet, il-familji reliġjużi tal-lum taħt l-isem ta' Marija Mmakulata, il-knejjes meqjuma lil dan il-misteru. Wara d-definizzjoni solenni ta' l-1854 għandna l-konferma mis-sema fid-dehriet ta' Lourdes (1858). Lourdes saret santwarju ta' fama mondjali fejn saru mirakli ta' fejqan ikkonfermat mix-xjenza. Mad-devozzjoni lejn l-Immakulata bdiet ukoll tiżviluppa l-qima lejn il-Qalb Immakulata tagħha li diġà qabel kienet teżisti f'forma privata.



**Il-Madonna ta' Piazza di Spagna. Dan il-momument kien inawgurat minn Piju IX xi sena wara l-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata**

Kien S. Ġwann Eudes (m. 1680) li daħħal il-kult fil-liturġija lejn il-Qalb ta' Marija, liema qima rabbiet għeruq fondi fil-poplu nisrani. Xhieda ta' dan huma l-Konfraternitajiet li twieldu fuq kollox għall-konverżjoni tal-midinbin (Pariġi, Montmartre), li xterdu mad-dinja. Fl-aħħar, fit-tieni gwerra mondjali, il-Papa Piju XII għamel il-Konsagrazzjoni solenni tad-dinja lill-Qalb Immakulata ta' Marija (1942) u festa fil-knisja universali fl-1944.

Matul l-epoka barokka xterdet ħafna barra l-Italja l-qima lejn il-Madonna ta' Loretu, il-kappelli "Lauretani" dejjem kont issibhom bi statwa li taqbel ma' dik oriġinali miġbuba f'Loretu. F'dan iż-żmien xterdu l-litaniji "Lauretani" li wara saru l-unika litanija Marjana uffiċjali tal-knisja. Matul is-seklu XVIII u wara, dejjem fl-Italja, bdiet tixtered fuq skala wiesa' l-qima lejn l-Omm tal-Bon

Kunsill (Genazzano, f'Ruma) li l-poplu tant laqa' b'tama kbira. Dejjem f'dawn iż-żminijiet fl-Italja kel-lu bidu x-xahar ta' Mejju li beda jixtered fil-bidu tas-seklu XIX fil-Belġju, fl-Iżvizzera, u fl-artijiet Austro-Ungeriżi, u wara fid-dinja kollha nisranija. Din id-drawwa bdiet tiġbed in-nies ħdejn l-artali tal-Madonna - Omm Alla. Fis-Sud Amerika din id-devozzjoni ssir f'Diċembru, xahar bħal dawk tar-rebbiegħa billi Mejju fis-Sud-Amerika jiġi fil-qalba tax-xitwa.

Ċerti devozzjonijiet Marjani popolari tal-Medju Evu komplew jikbru fiż-żmien modern. Ta' l-ewwel għanna r-Rużarju Mqaddes, it-talba Marjana l-iktar popolari li teżisti. Ir-rebħa fuq it-Torok u l-perikli moħbija fis-sekli huma marbuta mat-talba tar-Rużarju. Ir-rebħa ta' Lepanto (1571), it-tkeċċija tat-Torok minn Vjenna (1683), u mill-Ungerija (1716), huma l-punti l-kbar tar-Rużarju Mqaddes. Din il-festa ġiet mogħtija fl-1571 u mxerrda fil-Knisja fl-1716.

F'perikli kbar li nibtu f'kull żmien kien irrikmandat jingħad ir-Rużarju. Ljuni XIII kien kiteb serja ta' enċikliċi (1881, 1895, 1896) kif ukoll għamel il-Papa Piju XII (1951). Sa dan iż-żmien kien hemm ukoll id-drawwa ta' xahar ieħor meqjum lill-Madonna u dan huwa Ottubru magħruf bħala x-xahar tar-Rużarju. Bla għadd huma dawk l-għaqdiet li jġibu l-isem tar-Rużarju b'għanijiet differenti (riparazzjoni, suffraġji, eċċ.). Kiseb fama mondjali s-Santwarju tar-Rużarju f'Pompej, imwaqqaf mit-twajjeb avukat Bartolo Longo (1887). Fis-sena 1917 dehret il-Madonna f'Fatima u mkejjen oħra u talbet espressament biex jingħad ir-Rużarju.

Devozzjoni oħra ta' bidu medjevali li kibret maż-żmien hija dik ta' l-Iskapular. F'dak tal-Karmelitani primittiv żdiedu skapularijiet differenti ad unur lill-Madonna, li l-użu tagħhom kien ġie sostitwit b'medalja permessa minn Piju X (1910, fis-16 ta' Diċembru). Il-ġabra uffiċjali ta' l-indulġenzi (Enchiridion Indulgentiarum maħruġ fl-1950 juri varjetà kbira ta' devozzjoni partikulari u ta' talb bl-indulġenzi ad unur lill-Madonna.

L-imħabba ta' l-insara f'kull żmien warded lejn il-Madonna u f'din il-kitba huwa mpossibbli li ġġib il-lista ta' l-istituti xjentifiċi, karitattivi, u skolastiċi jew ta' familji reliġjużi, kongregazzjonijiet, konfraternitajiet, li kollha huma taħt il-ħarsien ta' Marija. Ta' min isemmi l-kungressi Marjani internazzjonali li bdew fl-1902 u damu sa l-1912, fejn komplew isiru kull sentejn u waslu wkoll sa żmienna.

Din il-kitba nixtieq intemmha bil-patrimonju għani ta' kitbiet fuq il-Madonna li ħallewlna l-aħħar papiet ta' żmienna, ibda minn wara Piju IX sa Ġwanni Pawlu II. Il-Papa ta' l-Assunta Piju XII ħallielna l-enċiklika "Fulgens Corona" tat-8 ta' Settembru 1953; il-Papa Pawlu VI l-Eżortazzjoni Appostolika "Marialis Cultus" tat-2 ta' Frar 1974; Ġwanni Pawlu II l-enċiklika "Redemptoris Mater" tal-25 ta' Marzu 1987.

Marjoloġisti tal-bieraħ u tal-lum ta' fama mondjali huma: Patri Gabriel Roschini O.S.M.; San Massimiljanu Kolbe, patri martri Franġiskan Konventwali; il-qassis Franċiż Renè Laurentin; Domenico Bertetto S.D.B., u issa l-opra famuża ta' erba' volumi li ġġib l-isem: "Testi Mariani del Primo Millennio", opra miġbura minn George Għarib – Ermanno M. Toniolo – Luigi Gambero – Geraldo di Nola.

Jalla t-tagħlim fuq il-Madonna jkompli iżjed jitkattar fost l-insara kollha ħalli nkunu nafu min hi tassew Marija l-mimlija bil-grazzja u l-OMM ta' DAK li ħalaqha.

## RIFERENZI:


1. Enciclopedia Cattolica, Vol. VIII, pp. 97. 98. 99. 100. 101.
2. **Biblijografija:**
   a) Renè Laurentin: La Vergine Maria.
   b) Domenico Bertetto S.D.B: Maria La Serva Del Signore. Mariologia.
   c) La Mariologia di S. Massimiliano M. Kolbe.

# MOVING HOME

The Fitzgerald family left our parish last month. Joe has been a bank official in the town for seven years and received promotion recently to Dublin.

I called to say goodbye and saw a huge furniture removal van in the drive of their detached bungalow. The children were torn between the excitement of moving to a new house and the sadness of losing their school friends.

As I spoke to them, the removers took the house apart until all that was left were bare floors and bare rooms. All the family treasured possessions were swallowed in the big furniture removal van.

It struck me what a strange monster is was, how it quicky reduced material goods to their true value. Headless beds and topless tables, once given pride of place in their respective rooms, shared a few square feet at the back of the van. The plush expensive carpets, rolled inward to protect their pile, lost their attractive appearance. The Waterford glasses disappeared completely, carefully wrapped in corrugated paper and placed in an old tea chest.

'Seek first the kingdom of God and his glory'. The most expensive of luxury goods can appear quite shoddy when dismantled and packed away.

At last the van was ready to move away. Strong men secured strong doors at the rear. Monica stood at the door of her once beautiful bungalow and asked the inevitable question: 'I wonder dik I pack the silver salver we got for our wedding? I can't remember what I did with the handpainted table cloth that I won in the raffle.' Somewhere inside the huge van was the answer to her worries, well hidden away.

In a few days, as they unpack their trunks and tea chests in their new home in Dublin, all her queries will be answered. Blind faith is needed here and now!

Life is like the experience of moving home. When we are young everything is in its proper place. Growing up brings its shocks, sorrows and worries. There seems to be many missing pieces. Why should I lose my job? Why should my child be mentally handicapped? Why did I fail my examination? Why should my husband be an alcoholic?

God has the answers, even if we cannot find them at present. The removers know their job, so does God. We need the blind faith that we place in these men when they pack away our valuables and these material goods seem to have been lost. All will be well.

St Paul tells us that when God reveals Himself to us in the next world we will understand many of the things which mystify us now. "For now we see in a mirror dimly, but then face to face. Now I know in part; then I shall understand fully, even as I have been fully understood' (1 Cor 13:12).

Moving home is a traumatic experience. It carries a spiritual message also: the ultimate unimportance of material goods and the need for trustfulness in the Providence of God.

Morgan Costelloe, C.C.



# TAMA U FARAĠ

*Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani*
*minn Dun Ġużepp Cini*

## Fit-Tlieta u Għoxrin ta' Tlieta u Għoxrin Sena Ilu

Il-magħruf Patri Piju tal-Pjagi miet fix-xahar ta' Settembru 1968. Qabel ma miet fit-23 ta' Settembru ta' tlieta u għoxrin sena ilu, kien stqarr li meta jmut kien ser jagħmel iktar xogħol minn dak li wettaq. Fost ħwejjeġ oħra minn dak li kienu joffrulu dawk li kienu jżuruh irnexxielu jibni dak li hu sejjaħ Belt fuq il-muntanja. F'din il-belt hu bena fost oħrajn sptar għall-foqra u dar għat-tfal, kif ukoll kunvent għas-sorijiet tal-klarissi li jgħinu biss bit-talb tagħhom. Proprju dan ix-xahar f'din il-belt kellha tinfetaħ dar għall-anzjani. Min igħix hemm minbarra li jduru bih għandu jimxu fuq l-ispirtu ta' dan il-bniedem ta' fama qaddisa billi joffri t-tbatijiet u s-sofferenzi tiegħu għall-fidwa ta' l-erwieħ.

Forsi ħadd minna ma hu ser itemm ħajtu f'din il-belt fuq il-muntajna fin-Nofs Inhar ta' l-Italja, imma aħna lkoll nistgħu nidħlu fl-ispirtu ta' talb u ta' penitenza li fih kien igħix Patri Piju.

Ngħaddilkom il-messaġġ tiegħi meħud mill-motto ta' dan il-bniedem. Il-kelmiet li fuqhom bena ħajtu huma tlieta:

ITLOB – ITTAMA – TINKWETAX.

**ITLOB:** Hemm iktar minn mod wieħed kif għandna nitolbu. Ma għandniex nitalbu biss, imma wkoll inpattu għad-dnubiet u nfaħħru l-kobor ta' Alla. Naturalment għandna wkoll nitolbu għal dawk li huma ħtiġijiet tagħna u ta' l-oħrajn. Li wieħed jirrifletti fuq it-tjubija u l-ħniena t'Alla, dik ukoll hi talba meditattiva. Patri Piju kien jitlob għad li ħafna nies kienu jfittxuh. Mhux darba u tnejn li dan kien jagħmlu matul il-lejl.

**ITTAMA.** Il-batut hu ttentat li jaqta' qalbu u jaqa' fid-disperazzjoni. Jiġrilu hekk b'mod partikulari meta jħoss li kull bieb madwaru hu qisu magħluq. Meta wieħed jitlef it-tama, ikun tilef lilu nnifsu ghax post dak li nitilfu jimlih id-disperament. F'qagħda bħal din, wieħed isib ruħu mitluq għal darba tnejn. Alla ma jħalli qatt waħdu lil ħadd.

**TINKWETAX.** Min jitlob għax għandu fidi f'Alla.

Min jittama għax għandu fiduċja f'Alla.

Min jirrassenja ruħu għax għandu l-imħabba t'Alla.

Li kien l-inkwiet ineħħi l-problemi kont nagħtik parir tinkwieta..

AGĦMEL BĦAL PATRI PIJU. ITLOB U TAQLA'. ITTAMA U TAQLA'. TINKWETAX U TAQLA'.

# Mill-Ħajja tas-Santwarju

*Miġbura mill-* Kan. Dun Karm Borg



**ĠUNJU:**

**1.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta bħas-soltu żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni li fiha ħadu sehem il-membri tal-istess Fergħa.

**2.** L-Azzjoni Kattolika Fergħa ta' l-Irġiel organizzat Irtir għall-irġiel Għawdxin fid-Dar ta' l-Irtiri ta' ħdejn is-Santwarju. Għadd sabiħ ta' rġiel ħa sehem f'dan l-irtir.

**6.** Wasal fis-Santwarju pellegrinaġġ minn Raħal Ġdid. Qaddes għall-pellegrini Dun Ġużepp Cini.

**7.** Fr. R. Cini qaddes għal grupp ta' pellegrini li ġew mill-Ħamrun.

Fl-istess jum Fr. Paul Fenech qaddes quddiesa ta' Radd il-Ħajr fis-Santwarju li fiha ħa sehem il-grupp taċ-Ċentru Evanġelizzazzjoni Annunzjata.

**8.** Sar pellegrinaġġ ta' Radd il-Ħajr mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Saret quddiesa li tmexxiet mill-Arċipriet Dun Alwiġ Vella u ppriedka Dun Ġorġ Vella.

**11.** Il-Kan. Dun Mikiel Cauchi qaddes quddiesa għal grupp ta' pellegrini mill-Ħamrun. Il-pellegrinaġg għas-Santwarju kien immexxi minn Antonia Azzopardi.

Fl-istess jum wasal pellegrinaġġ mill-istudenti ta' l-Iskola tal-Gudja. It-tfal kienu mmexxija minn Miss Galea. Qaddes għalihom il-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**12.** Grupp ta' anzjani Maltin għamlu żjara lis-Santwarju fejn irreċitaw xi talb lill-Madonna u ħadu sehem ukoll f'quddiesa li saret għalihom minn Fr. Fiorini.

**13.** Is-Sur Victor Xiberras mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-parroċċa tal-Kunċizzjoni tal-Ħamrun. Il-pellegrinki ħadu sehem f'quddiesa li tqaddset mill-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**18.** Fr. Joe Galea mexxa pellegrinaġġ għaż-żgħażagh minn Torin. Huwa stess fissrilhom l-istorja tas-Santwarju fil-qosor u wara qaddes għalihom fil-Kappella tal-Madonna.

Fl-istess jum saret quddiesa għas-Sorijiet Għawdxin mid-Delegat ta' l-Isqof għas-Sorijiet Mons. Ġużeppi Borg. Din kienet parti mill-programm tal-funzjonijiet fl-okkażjoni tal-festa tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu.

**19.** Il-Kan. Dun Mikiel Cauchi qaddes għal żewġ gruppi ta' pellegrini li ġew mill-Belt Valletta u mill-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa.

**20.** Il-Karmelitani Tereżjani ta' Fleur-de-Lys organizzaw pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn ħadu sehem

f'quddiesa li saret għalihom minn Fr. Louis Bajada O.Carm.

**21.** Lejlet Jum id-Dehra. L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Translazzjoni tar-Relikwija u wara sar Għasar Kantat bil-Malti li mir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb.

Fl-istess jum Dun Karm Gauci mexxa laqgħa ta' talb għaż-Żgħażagħ ta' Sannat fis-Santwarju.

**22.** Jum id-Dehra. Il-quddies kien kull nofs siegħa u beda mill-4.30 a.m. Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-Pia Unione Madonna ta' Pinu u l-pellegrini ħadu sehem fil-Quddiesa Pontifikali li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof fid-9.00 a.m. Wara l-Pontifikal saret is-Supplika, tkanta Te Deum u Mons. Isqof stess ta l-Barka Sagramentali lil mijiet ta' devoti Maltin u Għawdxin li ħadu sehem f'din il-Funzjoni.

**24.** Mons. Dun Ġwann Dimech qaddes għal grupp ta' anzjani li ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju minn Ħal Balzan.

**25.** Illum waslu minn Malta diversi pellegrinaġġi: mill-parroċċa tal-Fgura, mill-parroċċa ta' Birżebbuġa, u mill-Azzjoni Kattolika ta' l-Isla. Il-pellegrini kollha ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fis-Santwarju.

**27.** Waslu żewġ pellegrinaġġi fis-Santwarju, wieħed miż-Żurrieq u l-ieħor minn Ħal Kirkop. Il-pellegrini ħadu sehem f'quddiesa u rreċitaw ukoll xi talb lill-Madonna.

**29.** Il-Kappillan Fr. Alex Cordina mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Huwa qaddes għall-parruċċani tiegħu fis-Santwarju.

**30.** L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju li għaliha attendew il-membri tal-Fergħa Ewkaristika ta' Malta. Sar ukoll talb ieħor lill-Madonna.

**LULJU:**

**2.** Il-Kappillan Fr. Joe Farrugia OSA mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-parroċċa ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta. Il-pellegrini ħadu sehem f'quddiesa li tqaddset mill-istess Kappillan.

Fl-istess jum ġew organizzati wkoll pellegrinaġġi oħra mill-Catholic Women League ta' Valletta u mis-St. Martha Group. Għal ta' l-ewwel qaddes il-Kan. Dun Mikile Cauchi waqt li għall-oħrajn qaddes Dun Anton Schembri.

**3.** Ġie organizzat pellegrinaġġ miċ-Ċirklu Sant' Anna ta' l-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa ta' Kristu Re ta' Raħal Ġdid. Qaddes għalihom fis-Santwarju Dun Mario Agius.

Fl-istess jum Dun Lino Grech qaddes għal grupp ta' pellegrini li ġew mill-Imġarr, Malta.

**4.** Ġew organizzati żewġ pellegrinaġġi minn Malta: wieħed minn grupp ta' anzjani mill-Mosta u għal dawn qaddes Fr. Frank Cortis MSSP., u l-ieħor mill-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa ta' San Girgor tas-Sliema. Għal dawn ta' l-aħħar qaddes Fr. Joseph Galdes SJ.

**5.** Wasal fis-Santwarju pellegrinaġġ minn B'Kara. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Josephine Xiberras u qaddes għalihom Mons. Ġużeppi Grech.

Fl-istess jum il-Kappillan Dun Salv Debrincat qaddes għal grupp ta' studenti mill-Iskola tad-Dorotej ta' l-Imdina.

**6.** Il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta, żammet is-solita laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u wara ħin ta' adorazzjoni. Għadd sabiħ ta' Għawdxin minn diversi parroċċi ħadu sehem f'din il-laqgħa ta' talb.

**9.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-knisja ta' l-Agostinjani ta' Ħal Tarxien. Qaddes għall-pellegrini Fr. Alan Scerri OSA.

Fl-istess jum waslu fis-Santwarju pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi u ieħor mill-parroċċa ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema.

**11.** Dun Ġwann Farrugia mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-parroċċa taż-Żurrieq. Huwa mexxa laqgħa ta' talb fis-Santwarju.

Fl-istess jum wasal ukoll pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa tal-Kunċizzjoni tal-Ħamrun. Mexxa l-pellegrinaġġ Victor Xiberras.

**12.** Fr. Renato Borg qaddes fis-Santwarju għal grupp ta' studenti li ġew mill-Iskola "St. Joseph" ta' Tas-Sliema.

**16.** Il-Kappillan Dun Richard Borg mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Huwa qaddes għall-parruċċani tiegħu fis-Santwarju.

**17.** Illum waslu minn Malta diversi pellegrinaġġi. Il-pellegrini li ġew mill-parroċċi tan-Naxxar, ta' Ħaż-Żebbuġ, ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi u ta' Birkirkara (Sant'Elena) ħadu sehem f'quddiesa li tqaddset mill-kappillani rispettivi tagħhom.

**18.** Ġew organizzati pellegrinaġġ mill-parroċċi tal-Għargħur, ta' B'Kara u tal-Gżira. Il-pellegrini ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fis-Santwarju.

**20.** P. Joseph Xerri OFM Conv. qaddes fis-Santwarju għal grupp ta' Letturi tal-Knisja ta' San Franġisk ta' Birkirkara.

**23.** Fr. Anton Cassar u Fr. Alfred Agius qaddsu fis-Santwarju għall-parruċċani tagħhom li ġew mill-parroċċi taż-Żejtun u ta' Ħaż-Żebbuġ.

**24.** Ġew organizzati minn Malta diversi pellegrinaġġi. Pellegrinaġġ kbir ġie organizzat mill-Franġiskani Sekulari Kapuċċini tax-Xemxija, Kalkara, Żabbar, Marsa, Għajn Dwieli u San Ġwann. Għal dawn qaddes Fr. Philip Cutajar OFM Cap., Delegat Prov.

Imbagħad fl-istess ġurnata waslu wkoll pellegrini oħra min-Naxxar u mir-Rabat, Malta. Kien hemm ukoll grupp tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li ħadu sehem ukoll f'quddiesa li saret għalihom minn Fr. Frans Abdilla.

**25.** Dun Anton Zammit mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien. P. Joseph Bonavia organizza pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu (Sliema). Fl-istess jum wasal ukoll fis-Santwarju pellegrinaġġ ieħor minn Marsaxlokk.

**26.** Grupp ta' Leġjunarji Maltin ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn ħadu sehem f'quddiesa li tqaddset għalihom minn Dun Ġwann Curmi. Il-Leġjunarji kienu mill-parroċċi ta' B'Kara, Ħamrun u Ħal-Lija.

Fl-istess jum Fr. Joseph Ellul mexxa pellegrinaġġ ieħor mix-Xgħajra, Żabbar.

**28.** Dun Ġużepp Vella Gauci qaddes għal grupp ta' pellegrini li ġew mill-Ħamrun, Malta.

**30.** Għadd kbir ta' pellegrini Maltin imlew is-Santwarju fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Dawn kienu mill-parroċċa ta' l-Imsida, mill-parroċċa ta' Santa Venera, mis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt Valletta u mill-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani tar-Rabat.

**31.** F'dan il-jum waslu minn Malta ħames pellegrinaġġi: l-ewwel wieħed kien mill-abbatini ta' Ħaż-Żabbar. Dan kien immexxi mill-kappillan tal-parroċċa flimkien ma' Fr. Daniel Farrugia.

Pellegrinaġġ ieħor tmexxa mill-kappillan Dun Lawrenz Zammit tal-parroċċa tal-Kalkara; pellegrinaġġ ieħor wasal mill-parroċċa ta' Kristu Re ta' Raħal Ġdid u dan tmexxa minn Dun Mario Agius, waqt li Fr. Frankie Debono mexxa pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

L-aħħar pellegrinaġġ f'dan il-jum ġie mill-Isptar Mount Carmel u qaddes għall-pazjenti l-Kappillan P. Luqa Theuma, OFM Cap.

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



**GĦAWDEX:**

Rose Attard; M'Rose Buttigieg; Manwela Grima; Ġina Bajada; Margaret Attard; Gregory Buhagiar; Lonza Cassar; Tony Grech; Joe Buttigieg; Ġamri Gauci; Carmen Gauci; Rose Caruana; Ġiljan Farrugia; Luċija Cauchi; Joe & M'Angelo Farrugia; Carmen & Paul Pace; Marlin Tabone; Victoria Sultana; Grace Abela; Antonia Rotin; Mr. & Mrs. Portelli; Nazzarena Xiberras; Peter Paul Mifsud; Dolora Cauchi; Elisabeth Grima; Marija Mercieca; Lino Galea.

Ġuża Vella; Pawla Grech; Ġanna Sultana; Maria Portelli; Esther Camilleri; Sunta Muscat; Mario Grima; Maddalena Camilleri; Ġemma Abela; Ġużeppa Xiberras; Lucy Cini; Rose Micallef; Lawrence Vella; Joseph Vella; Victoria Bajada; Joseph Galea; Katerina Dimech; Maria Portelli; Carmel Apap; Carmen Camilleri; Maria Xiberras; Sunta Cassar; Toni Attard; Margaret Muscat; Loreta Vella; Rose Camilleri; Nina Vella; Anġolina Theuma; Ġużeppa Vella; Maria Sultana; M'Anne Attard; Jonathan Saliba; Maria Rosa Sammut; John & Polly Attard; Karmena Buttigieg; Maria Antonia Grima.

Raymond Fava; Karmena Galea; Joe Muscat; Rose Sammut; Karmena Grima; John Cassar; Maria Zammit; M'Ann Xuereb; Maria Azzopardi; Frank Said; Lisa Xerri; Lela Grima; Ġuża Portelli; Lonza Gauci; Louise Formosa; Ġużeppa Bugeja; Josephine Gauci; Carmen Vella; Carmen Falzon; Frankie Grima; Manwela Buttigieg; Elisabeth Spiteri; Raymond Abela; Ġamri Azzopardi; Ġanni Spiteri; Ċettina Grech; Ġorġina Agius; Anthony Farrugia; Josephine & Ray Bigeni; Dolora Buttigieg; Mario Zammit; Rosa Vella; Rose Portelli; Marija Sultana; Ġużepp Muscat; Sandra Sammut; Maria Zammit; Melita Rapa; Pawla Theuma; Joseph Vella; Carmela Attard; Carmel Camilleri; Carmen Bajada; Paul Camilleri; Lucy Falzon; Isabella Mizzi; Joseph Cremona; Helen Buttigieg; Vitorina Mercieca.

Rita Tabone; Tessie Spiteri; Ġanna Said; Pawla Vella; Mary Azzopardi; Josephine Schembri; Rita-Anna Mejlak; Stella Aquilina; Lina Zammit; Michael & Maria Cauchi; Pauline Grima; Ines Grima; Pawlu Spiteri; Margaret Zerafa; Joyce Grima; Josephine Sultana; John Debrincat; Joe Saliba; Rita Attard; Anthony Farrugia; Pawlu Zerafa; Rodianne Cauchi; Joseph Cefai; Rose Magro; Wenzu Falzon; Pawla Theuma; Michael Pace; Joe Apap; Jessie Farrugia; Tereża Farrugia; Maria Camilleri; Salvu Said; Karmnu Cauchi; Tonina Pace; Joseph Buttigieg; Ġiġi Piscopo; Nazzarena Sciberras; Salvina Cremona; Rita Tabone; Mariella Mercieca; Tereża Costa; Ġuża Mizzi; Carmen Mercieca; Ġużeppa Stellini; M'Anne Bugeja; M'Assunta Grech; Mr. & Mrs. C.A. Attard.

**MALTA:**

Anna Liża Grech; Ant. Farrugia; Antoinette Micallef; Tania Colombo; Tessie Farrugia; Theresa Douglas; Mary Ellul; Ġuża Galea; Familja Galea; Ġamri Galea; Karmena Galea; Rose Caruana; Anna Delia; Victoria Mifsud; Grezzju & Paul Camilleri; Ċetta Briffa; Giovanna Zarb; Katy Camenzuli; Ninu Cutajar; Maria Schembri;

Emerald Saliba; Carmen Deguara; Antonia Galea; Doris Fenech; Katy Bugeja; John & Polly Attard; Vivienne Borg; Alison Vassallo; John Mifsud; Silvia Briffa; Miriam Buttigieg; Maria Borg; Karmena Bartolo; Ċetta Farrugia; Mary Rose Mifsud; Georgina Cutajar; Anthony Spiteri; Theresa Galea; Ġuża Schembri; Mary Catania; Edmond Vella; Francis Dimech.

Carmen Dalli; Irene Buhagiar; Carmen Gauci; Gejtana Galea; Pauline Grech; Carmen Borg; Bernardette Xuereb; Paul Debono; Josephine Fardell; Grace Francalanza; Rose Marie Soler; Tarcisio Zaffarese; Josephine Bonavia; Francesca Grech; Antoinette Pavia; Eric Tabone Ferro; Familja Grech; F. Cassar Parnis; Rosina Bonello; Tania Farrugia; Paul Vella; Victoria Tabone; Stella Busuttil; Carmen Arpa; Catherine Vassallo; Anna Cremona; Anna Gauci; Camilleri Gordon; Ġuża Grima; Christina Micallef; Esther Cutajar; C. Bilocca.

Charmaine Farrugia; Anthony Barbara; Esther Falzon; P. Grech; John Azzopardi; P. Grech; M'Lourdes Zerafa; Catherine Azzopardi; Rita Gauci Borda; Lucy Sammut; Mary Arpa; Anthony Camilleri; Tereża Xuereb; Carmel Ellul Jennifer Amaira; Suzanne Dimech; Toni Bajada; Stella Axiaq; Yvonne Frendo; T. Barthet; A. Farrugia; B. Cortis; Maria Blackman; Maria Galea; Angela Chircop; Anna Bonanno; Ġorġ Schembri; Lourdes Schembri; Marija Cauchi; Evlyn Cefai.

Leli Cutajar; Kostanz Camenzuli; Carmen Bonett; Ġina Grech; Annunziata Cilia; Familja Vella; Tereża Galea; Dorianne Hili; Mary Piplow; Nancy Mangion; Nicholas Vella; Agatha Sant; Antonella Attard; Maria Attard; Mary Grech; Carmela Pace; Joseph Bonnnici; Joseph Busuttil; Charlie Zammit; M'Rose Camilleri; Angela Agius; Salvina Zarb; Stella Barbara; Adelina Gatt; Annie Agius; Manwel Agius; Mary Bonello; Helen Ellul; Fr. Vincent Demicoli; Ġakbu Micallef; Amhal Mallia; Carmelo Schembri; Andre Schembri; Carmen Zahra; Rita Azzopardi; Maria Barbara; Lela Scicluna; Salvina Vella.

Rita Mifsud; Jane Sammut; Joe Micallef; Helen Farrugia; Karmena Fenech; Familja Vella; Violet Mifsud; Agnes Grech; Josette Vella; Mari Grech; Mary Attard; S. Grima; Joanne Azzopardi; Ġorġina Tabone; Saveria Mifsud; Ġuża Galea; Paul Scerri; Joseph Portelli; M'Anna & Noel Portelli; Ġorġ Saliba; Marija Cauchi; Angela Vassallo; Rita Bartolo; Emmanuel Sammut; Gejtanu Grech; Paul Genovese; John Mifsud; Michael Grech; Nazzarenu Ellul; Karry Zerafa; Antonia Mallia; Ġuża Scicluna; Toni Camilleri; Lourdes & Chris Fenech; Georgette Galea; Rita Borg; Mary Cini; Giovanna Coleiro; Wistin Muscat; F. Cassar Parnis; Carmen Mercieca; Luċija Sultana.

**AWSTRALJA:**

Carmen Cini; John Mifsud; Violet Calleja; Joseph Grech; Mary A. Abela; Mary Ann Axiaq; Fr. Frank Buhagiar; Rose Rapa; Mary Deguara; Maria Sacco; Karmena Gauci; Rita Deguara; John Vella; Joe Gatt; Michael Vella; M. Chetcuti; Maria Cauchi; Joe Caruana; J. Farrugia; Maria Cauchi; Anthony Camilleri; Rita Borg; Carmel Spiteri; Charlie Formosa; Dolora Cauchi; Tony Saliba; Stella Camilleri; P. & A. Sultana; Carmen & Louis Mula; Frank Grech; Doris Tabone; Josephine Grech; Louis Cassar; Annunzjata Galea; Carmen, Joe, John & Marija; Paul Portelli; Lina Mercieca; Carmen Ellul; Jane Camilleri; Mary Azzopardi; Kate Vassallo; Josephine Vella; Joe Grima; Lorenza Galea; Charlie Farrugia; Joe Farrugia; T. Refalo; Victoria Farrugia; Pawla Saliba; Felicity Mizzi; Rose Galea.

Tereża Debono; A. Azzopardi; Julie Giacomotto; Paul Debrincat; Martin Caruana; Joe Agius; Joyce Sciberras; Mr. & Mrs. Cini; Alfred Camilleri; Margaret Galea; Karistu Sciberras; Ġużeppa Agius; Rita Zammit; Felix Fenech; Bonello Louise; Leli Mifsud; Michael Apap; Catherine Galea; Karmenu Piscopo; Jane Buttigieg; Miriam & Reno Sant; Ġorġina Gauci; Rose Rapa; Martha Mizzi; Carmen Axiaq; Lela Gauci; Mary Agius; Doreen Gauci; Marie Cauchi; Irene Tonna; Vivian Sultana; Grace D'Anastasi; Rita Azzopardi; Karmena Camilleri; Ġuża Camilleri; Anna Cini; Stella Curmi; Carmen Saliba; H.F. Saliba; Joe & Doris Theuma; Vicky Sciberras; Doris Debono; Joyce Debrincat; Maria Haber; M. Grima; Pawla Scerri; Rose Mercieca; Cecilja Sciberras; Doris Attard; Vicky Attard; Lonza Rotin.

**U.S.A.:**

Carmen Attard; Rita Xuereb; Pawlu Mizzi; Paul Buttigieg; Rosaria Tabone; Georgia Azzopardi; Maria Mizzi; S. Camilleri; Cristino Vella; Rose Meilak; Marlene & Raymond Muscat; Żarenu Vella; Tania Attard; Emmanuel Mifsud; Lorry Muscat; Maria & Paul Said; Jane Haber.

**INGILTERRA:**
Ċetta Bentley; Mary Mandy; E. Mifsud; Catherine Mercieca; Vicky Harrison; Mrs. Giordamaina; Antoinette Reynolds; Mary Metcalfe; Dorothy & Frank Field; Lynn Strandring.

**KANADA:**
Carmen Cassar; Mr. & Mrs. Joe Bartolo; Maria Camilleri; Jessie Camilleri; Mary Grima; Antoinette Portelli.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Can. Carmelo Cini; Dun Karm Curmi; Can Joseph Grech; Mons. Rużar Borg; Dun Eddie Zammit; Kan. S. Cauchi; Dun Peter Zerafa; Can. Joseph A. Borg; Fr. Louis Bezzina; Fr. Carmel Sacco; Mons. Carmelo Sacco; Can. Joseph Sacco; Dun Manwel Buttigieg; Fr. Paul Fenech; Dun Ġorġ Vella; Fr. Joe Bezzina; Can. Anton Meilak; Dun Anton Grech; Mons. Carmelo Scicluna; Can Michael Galea; Can. Michael Attard; Mons. Gius. Borg; Mons. Anton Grech; Fr. Alex Cordina; Dun Ġorġ Frendo; Saċ. Carmelo Gauci; Saċ. Mrio Grech; Dun Karm Borg; Dun Ġużepp Borg Micallef; Dun Ġorġ Deguara; Dun Ġużepp Mifsud; Fr. Louis Bajada O.Carm.; Fr. Andrew Pisani; Can. John Bartolo.

Can. Joseph Tabone; Rev. Mariano Zammit; Can. John Mercieca; Dun Ġorġ Grima; Fr. Angelo Buttigieg; Mons. Giuseppe Azzopardi; Mons. Gius. Borg Attard; Dun Emmanuel Saliba; Can. M'Angelo Xerri; Can. Benjamin Attard; Saċ. Carmelo Cassar; Fr. Bonaventura Camilleri OFM Conv.; Kan. Joe Mejlak; Fr. Salvino Azzopardi SJ.; Can. Michael Mintoff; Mons. Gius. Grech; Kapp. M. Borg; Dun Franġisk Sultana; Dun Salv Grima; Mons. Ġ. Farrugia Vella; Arċip. L. Vella; Dun Ġorġ Vella; Arċip. Clo. Scicluna; Can. Clo. Buttigieg; Dun Karm Hili; Can. Paolo Meilak; Rev. Piju Zerafa; Rev. Paul Zerafa; Saċ. Joseph Farrugia; Kapp. Dun Franġisk Debrincat; Mons. Arċip. Dun Salv Muscat, Can. Carmelo Borg, Kapp. Dun Ġużepp Mintoff; Fr. Alex Vella O. Carm; Fr. Peter Zerafa; Arċip. Tarcisio Camilleri; Fr. Anthony Caruana; Fr. Paul Fenech.

Fr. Albert Curmi; Fr. Mario Borg; Dun Manwel Cordina; Rev. Saviour Tabone; Fr. Emmanuel Galea; Can. John Gauci; Fr. D. Glavina SJ.; Rev. G. Cordina; Fr. Martinjan Cutajar OSA; Dun Effie Masini; Dun Anton Bajada; L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi; Dun Joe Vella Gauci; Fr. Salvino R. Galea; Fr. Joseph Galdes SJ; Dun Manwel Curmi; Rev. Julian Refalo Rapa; Dun Frankie Bajada; Kapp. Dun Karm Camilleri; Saċ. Oreste Bonaiuto; Rev. Blaise Zubour; Dun Anton Attard; Fr. Frank Buhagiar; Fr. A. Schembri; Rev. Salv Sultana; D. Mario Agius; Fr. F. Ellul; Kapp. Dun Salv Debrincat.

Mons. Josè Agius; Fr. Emmanuel Bugeja; Fr. J. Bugeja; P. Ġużi Mifsud OSA; Fr. Alan Scerri OSA; Rev. Coronato Grima; Dun Nazzareno Tonna; Dun Angelo Vella; Fr. Renato Borg; Mons. C. Bianco; Dun Anton Cefai; Fr. J. O'Connor; Fr. Michael J. Leach; Arċip. J. Zerafa; Dun Mikiel Xuereb; Kapp. Richard Borg; Fr. Philip Gatt; Rev. Nazzareno Caruana; Dun Pawl Genovese; Can. Vince Demicoli; Rev. N. Bonavia MSSP.; Mons. Joseph Schembri; Fr. Laurent Assenga; Can. Antonio Mallia; Fr. Fortunato Mizzi; Fr. Noel Grima; Fr. Anselm G. Vella OCD.; Fr. Christian Mash; Fr. Noel Vassallo; P. Joseph Schembri OFM. Conv.; Fr. Anthony Cassar; Fr. Philip Cutajar OFM. Cap.; Fr. Luigi Saliba OFM. Cap.; Fr. Berardo Cassar OFM. Cap.; Dun Frans Abdilla; P. Christiano Cini; Fr. Dominic Cachia.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA

Maria Stella Portelli – Nadur; Klinsman Coleiro – Paola; Savio Bajada – Victoria; Christopher Cremona – Xagħra; John Paul Xiberras – Ħamrun; Rebecca Buttigieg; Lisa Portelli; Chantelle Marie – Valletta; Christine Schembri – Mosta; Angela Camilleri – Nadur; Lorella Marie Debono – Mellieħa; Rosanna Buttigieg – San Ġwann; Peter Cini – Żebbuġ; Christian Dalli – Tarxien; Stephen Calleja – St. Paul's Bay; Grazziella Vidal – Gżira; Marilise Pace – Mqabba; Ryan Gauci – Rabat; Anthony Muscat – Buġibba; Andy Fava – Sannat; Daren Grima – St. Paul's Bay; Shawn Calleja – B'Kara; Charlton Zammit – Għargħur; Joseph Gauci Borda – Gżira; Waylen Dimech – Imsida; Colin Galea – Imsida; Joseph Camilleri – Nadur; Carmen Gauci – Marsalforn; Jacqueline Gauci –

Marsalforn; Nicholas Gauci – Marsalforn; Andrew Cachia – Paola; Marija Camilleri – Gżira; Gabriella Bartoli – Xewkija; Carla Mari Borg – Rabat, Malta; Lisa Camilleri – Baħaq iċ-Ċagħaq; Luke Vella – Lija.

Trafford Vella – Ħamrun; David Zammit – B'Bugia; David Sant – St. Paul's Bay; Carl Muscat – B'Bugia; Charlene Muscat – B'Bugia; Sandy Muscat – Żebbuġ; Christabelle Cutajar – Żebbuġ; Jessica Zammit – St. Paul's Bay; Clint Francis Frendo – Żebbuġ, Malta; Mawritio Camilleri – Żebbuġ, Malta; Stephen Magro – Xagħra; Danny Magro – Xagħra; Daniela Pace – Ħ'Attard; James Andrew Winters – Santa Venera.

Kevin Agius – Pietà; Natasha Agius – Pietà; Christopher Pisani – Birgu; Melvin Borg – Valletta; Jodi Nichole Ellul – Kanada; Debora Zarb – Wied il-Għajn; Yanica Pace – Paola; Joseph Fenech – Chircop; Justin Ellul – Żejtun; Michael Borg – Sydney; Clifton Cauchi – Rabat.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Alyce bint Mariano Azzopardi u Rita nèe Xerri; Lawrence bin Victor Galea u Josephine nèe Galea mix-Xagħra; Carmen bint Xavier Fenech u Anna nèe Azzopardi minn Kerċem; Daniela bint Joseph Azzopardi u Rose Marie nèe Borg; Daniel bin Adrian Camilleri u Rosaria nèe Muscat min-Nadur.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Anthony Azzopardi min-Nadur u Rose Muscat min-Nadur; Victor Attard u Georgina Camilleri mix-Xagħra; Mario Zammit miż-Żebbuġ u Assunta Portelli mill-Qala; Joseph Attard mix-Xewkija u Maria Xerri min-Nadur; Louis Cassar mill-Għarb u Giovanna Bugeja minn Kerċem.

## IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Ir-Rużarju hu talba lil Marija. Hu talba li tikseb grazzji kbar għall-Knisja, għall-familji u għall-erwieħ.

*(Saċ. G. Alberione).*

Għidu kuljum ir-Rużarju, biex fid-dinja ssaltan il-paċi.

*(Il-Madonna ta' Fatima).*

Ir-Rużarju għadu bżonnjuż illum iżjed minn qatt qabel.

*(Pawlu VI).*

Min-natura tiegħu, ir-Rużarju jitlob minna ritmu ta' skiet u ħsieb li jġegħelna nimmeditaw aktar bi profitt fuq il-misterji tal-ħajja ta' Ġesù fid-dawl ta' Marija li hi tant qrib lejH u li fih jinfetaħ għana spiritwali.

*(Pawlu VI).*

Jekk tgħidu r-Rużarju fil-familja, tiggustaw il-paċi u jkollkom fil-familja l-għaqda tal-qalb.

*(Piju XII).*

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"**SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU**"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* ***"Servizz Soċjali bit-Telefon".***
* ***"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".***
* ***"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".***
* ***"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".***

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju, Mons. Dun Beneditt Camilleri.***
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU LI MIEGĦU HIJA ANNESSA L-KAPPELLA L-QADIMA

*F'dan is-Santwarju venerabbli tal-Madonna Ta' Pinu nroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu għall-preżenza u protezzjoni mimlija mħabba ta' l-Omm Verġni tiegħu li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul l-istorja kollha tagħha. Għal sekli sħaħ, il-fidili ta' dawn il-gżejjer qorbu lejn Marija fit-talb u talbu għall-interċessjoni mimlija mħabba tagħha biex tgħinhom fi ħtiġijiethom u ssabbarhom fin-niket tagħhom......*

*B'mod speċjali ħafna, Marija minn dejjem kienet il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex waqt li huma fittxew li jwettqu r-rwol uniku tagħhom fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tar razza umana......*

*J'Alla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija......*

*Kemm-il darba, fil-familji tagħkom, ħassejtu li intom bla saħħa quddiem sitwazzjonijiet li jweġġgħukom u li jidhru li ma tistgħux issolvuhom? Kemm nies isibu li hi ġlieda kontinwa biex jaħfru piki li ilhom is-snin, jew biex jirbħu emozzjonijiet li jkunu daħlu 'l ġewwa ħafna ta' rabja, ostilità, għira jew riżentiment? Kemm hawn nies li għandhom xewqa ddisprata biex xi ħadd maħbub jitlaq mod ta' ħajja jew kors ta' azzjoni li huma jafu li jista' jwassal biss għall-frustrazzjoni u nuqqas ta' kuntentizza? U kemm drabi nħossu għal xi ħadd li jkun maqbud fit-taqbid ta' wġigħ mentali jew dwejjaq qares li ma jkun jagħraf ebda konsolazzjoni? F'waqtiet bħal dawn, m'għandniex nafdaw fl-interċessjoni mimlija mħabba ta' Marija, fiduċjużi li l-aktar bla tama mis-sitwazzjonijiet umani tista' tinbidel mill-qawwa ta' salvazzjoni ta' Ġesù, li bi tweġiba għat-talba tagħha bidel l-ilma f'inbid, li miet fuq is-salib biex aħna nkunu nistgħu ngħixu għal dejjem?......*

*Għal din ir-raġuni ninkoraġġikom kollha kemm intom biex titolbu bla heda (ara 1 Tess 5:17), l-aktar fil-familji tagħkom, f'radd ta' ħajr umli għal dak kollu li Alla takom fit-tjubija tiegħu. Itolbuh kuljum biex igħinkom biex tibqgħu fidili lejn il-vokazzjoni li takom fi Kristu!......*

*(Mid-diskors tal-Papa f'Ta' Pinu, 26-5-90).*